MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 47 – 4 Leġislatura**

**Il-Ħamis 16 ta'Ottubru 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Kunsillier Marsascala | Is-Sur Jesmond Abela |
| Kunsillier Zejtun | Is-Sur Christian Attard |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sur Daniel Ablett |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Is-Sur Karl Boxall, Sindku Luke Farrugia, Sindku Scott Camilleri

ASSENTI

Sindku Gianluca Falzon

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**47.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**47.1.1** Il-President informa li Sindku Karl Boxall ma setgħatx tattendi minħabba Laqgħa tal-Kunsill, Sindku Luke Farrugia kien jinstab indispost u Sindku Scott Camilleri informa li ma setgħax jattendi minħabba mpenn ieħor. Delegat Kunsillier tal-Ħamrun Dr Vassallo informa li kien ma jiflaħx.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**47.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' sitta u erbgħin (46) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**47.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Steve Grech, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**47.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**47.2.3.1** Il-President informa li proċeduri ta' qabel ma jinbeda ix-xogħol fuq il-binja Amministrattiva qedin fil-proċess l-issir l-insurance fuq il-binja u dak ta' terzi li jmissu ma il-binja. Kif ikun lest dan il-proċess issiru il-garanziji mill bank. Huwa tenna li waqt il-laqgħa ta' l-AGM 2025 ser jintwera viżwal ta' kif qed jiġi propost li ser ikun l-uffiċju Amministrattiv.

**47.2.3.2** Il-President informa li l-attività' ta' l- Għeluq tal-Proġett *Art for Active Aging* li sar f' 30 ta' Settembru 2025 kellha attendenza tajba u għat-tieni sena dan il-proġett intlaqa tajjeb mill persuni kollha li attendew fl-għaxar ċentri (Day Centers ) madwar ir-Reġjun. Huwa ħeġġeġ li Sindki u l-Kunsilliera sabiex ikunu preżenti għal dawn l-attivitajiet. Preżenti għal attivita kien hemm Ono. Parl. Seg Malcolm Paul Agius, Ono. Parl. Seg. Alison Zerafa Civelli u Direttur Ġenerali għal Gvern Lokali Emil Vassallo.

**47.2.3.3** Il-President stieden is-Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti preżentazzjoni qasira dwar il-VREPO final Steering Committee Meeting li attendiet għalih f'Marsilja. Hija spjegat li dan il-proġett li kien jikkonsisti f'ġbir ta' informazzjoni u studju sabiex issir analiżi u mitigazzjoni fuq diversi temi bħal riskji klimatiċi, riskji ġeopolitiċi u riskji għas-saħħa pubblika u ra il-bidu tiegħu sena l-oħra. Matul din sena Reġjun ta' sehem tiegħu f'dan il-proġett permezz ta' Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill ambjent. Dan il-proġett kellu co funding mill ESPON Interreg EU u ppparteċipaw fih, RegionSud Franza, Lithuania, Flanders Belgium u Enschede Olanda. Għal din il-konferenza attendew online il-President Jesmond Aquilina u Uffiċjal Maniġerjali ta' l-Ambjent Nicholas Spiteri. Is-Sur Spiteri għamel il-preżentazzjoni ta' rapport ta' Malta.

**47.2.3.4** Il-President qal li huwa u Kunsillier Anton Aquilina attendew għal Kungress ta' Lisbona relatat ma Network European Holy Week bejn 6 u 10 ta' Ottubru. Tenna li preżentazzjoni intlaqat tajjeb Huwa ħeġġeġ lil Kunsilli jagħmlu użu min din il-pjattaforma li turi wirijiet fil-lokalitajiet relatati mal-Ġimgħa il-Kbira.

47.2.3.5 Il-President fakkar li AKL qed tagħmel appell sabiex kunsilli jipparteċipaw fil-proċess EloGe. Sindku ta' Santa Luċija qalet li wara konsulta ma Segretarju Eżekuttiv ma jħossux li għandhom lesti biex jipparteċipaw għaliex hemm prijoritajiet oħra.

**47.3 Komunikazzjoni mill-president**

**47.3.1 Programm Malta International Christmas Choir**

Il-President informa li l-programm ta' *Malta International Christmas Choir* ġie mniedi u il-knejjes li kienu ser jieħdu sehem huma San Gejtanu Ħamrun, Trinita Qaddisa Marsa, Santa Andrija Luqa, Santa Marija Għaxaq, Santa Marija Gudja, Parroċċa Santa Venera, St Pius X Santa Luċija, San Pietru tal-Ktajjen B'Buġia.

**47.4 Skeda ta' Pagamenti;**

47.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 09/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

47.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Romeo Baldacchino u sekondat Kunsillier Christian Attard, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**47.5 Rapporti**

**47.5.1 Rapport Finanzjarju QR 3 2025**

Il-President stieden lil Accountant ta' Reġjun sabiex jispjega l-andament finanzjarju bejn Ġunju u Settembru. L-Accountant qal li matul dawn it-tlett xhur qed jirrizulta surplus ta' 69,729 euro, iżda hemm defiċit bejn dħul u ħruġ ta' spiża relatata ma l-iskart ta' minus -18,647 euro. Wieħed irrid jikkonsidra li Dipartiment tal-Gvern Lokali konferma bil-miktub li Reġjun ser ikun ikkumpensat ta' l-ispiża relatata ma skart kummerċjali u il-VAT relatata ma din l-ispiża. Dawn il-figuri jinkludu estimi (accruals) ta' rejects li hija 117,000 euro li hija diffiċli biex wieħed jipprevedi u hija ibbażata fuq kalkoli ta' 2024. Il-president fakkar li hemm tlett kunsilli li għadhom ma ħallsux il-fatturi ta' skart ta' 2024 u ħeġġiġhom sabiex jagħlqu sa l-aħħar ta' din sena.

**Il-President irringrazzja lil Accountant ta' Rapport u resaq ir-rapport għal approvazzjoni.**

**47.5.1.1 Il-Kunsill approva Rapport Finanzjarju Q3 2025**

**47.6 Item: Skema tiżjin għal żmien il-Milied**

Il-President ppreżenta proposta Skema tiżjin għal żmien il-Milied, bħal ma sar f'żminijiet preċedenti. L-għajnuna ser tingħata sabiex madwar 2,000 euro jintefqu f'tiżjin b'tema tal-Milied. Il-Kunsilli Lokali huma mitluba sabiex jibgħatu il-fatturi u irċevuti f'Jannar /Frar 2026 li j'jammontaw għal 2,000 ewro u jiġu ikkumpensati skont l-ispiza li ma taqbiżx din somma.

**47.6.1 Il-Kunsill approva Skema tiżjin tal-Milied u qabel li tingħata għajnuna ta' 2,000 ewro lil kull Kunsill**

47.7 **Item: Proposta dwar *City-to-City Exchanges Initiative (URBACT)***

Il-President informa li kienet ser issir preżentazzjoni min Uffiċjali ta' DLG EU Direcorate u SEM dwar proġett ***City-to-City Exchanges Initiative (URBACT).*** Iż-żewġ uffiċjal itagħu spjegazzjoni ta' kif għandu jinħadem il-proġett u l-benefiċċji li hemm għal lokalitajiet. Il- President qal li Reġjun ħareġ sejħa sabiex jingaġġa Uffiċjal Maniġerjali speċjalizzat fuq il-fondi Ewropej b'hekk il-Kunsill jkollhom iktar għajnuna f'dawn il-proġetti.

**47.7.1 Ir-rappreżentanti ikonkludew li kienu ser jibgħatu il-preżentazzjoni lil Reġjun sabiex tiġi mqassma lil Kunsill Lokali.**

47.8 **Item: Proġett *Art for Active Aging* 2026**

Il-President informa li ġiet issottometta proposta sabiex jerġa issir il-Proġett Art for Active Aging. L-ispiża relatata ma dan il-proġett hija ta' 8,500 eskluż il-VAT. Ir-Reġjun ser jitlob lil Aġenzija ta' Anzjanità Attiva sabiex joħorġu perċentaġġ min din l-ispiża. Dan il-perċentaġġ m'għandux ikun inqas min nofs .

**47.8.1 Il-Kunsill qabel u approva il-proposta**

**47.9 Affarijiet Oħra**

**47.9.1** Il-President fakkar li Sibt 18 ta' Ottubru ser issir l-għeluq tal-Proġett Kwiżż b' attività Kaċċa għat Teżor u li 24 ta' Ottubru ser issir laqgħa Ġenerali Annwali fil- Ġnien Serenita Santa Luċija.

Sindku tal- Gudja sema dwar il-problema tal-ħamiem u talab l-għajnuna ta' Reġjun sabiex ukoll tiġi ndirizzata mill-Gvern Ċentrali. Huwa qal li hemm diversi residenti li jilmentaw dwar komplikazzjonijiet respiratorji minħabba il-ħmieġ tal-ħamiem.

**47.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**47.9.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għat- Tlieta 18 ta' Novembru 2025

Konfermati llum 18 ta' Novembru 2025____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv